



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 144/25

Il-Lussemburgu, 19 ta' Novembru 2025

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-367/23 | Amazon EU vs Il-Kummissjoni

DSA: ir-rikors ta' Amazon kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikklassifika l-pjattaforma Amazon Store bħala “pjattaforma online kbira ħafna” huwa miċħud

Ir-Regolament dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) ¹ jimponi obbligi speċifiċi fuq il-fornituri ta' ċerti servizzi identifikati mill-Kummissjoni Ewropea bħala “pjattaformi online kbar ħafna” jew “magni tat-tiftix online kbar ħafna” meta jaqbżu l-livell limitu ta' 45 miljun utent fl-Unjoni Ewropea (jiġifieri 10 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni). Amazon EU Sàrl, li topera l-pjattaforma Amazon Store, talbet l-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet indikat din il-pjattaforma bħala “pjattaforma online kbira ħafna” skont id-DSA.

Amazon ikkontestat l-legalità tad-dispożizzjoni tar-Regolament li tiddetermina l-pjattaformi online, inklużi s-swieg, li għandhom jiġu indikati bħala pjattaformi online kbar ħafna u li tissugġettahom għal obbligi speċifiċi ta' trasparenza, ta' kooperazzjoni u ta' aċċess għad-data. Skont Amazon, din id-dispożizzjoni tippreġudika diversi drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fosthom b'mod partikolari l-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-proprjetà, il-prinċipju ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, il-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, **il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tiċċad ir-rikors.**

Fir-rigward tal-**libertà ta' intrapriża**, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-obbligi imposti mid-DSA jikkostitwixxu ċertament indħil f'din il-libertà, sa fejn dawn jistgħu joħolqu spejjeż sinjifikattivi, jaffettwaw l-organizzazzjoni tal-attivitajiet u jeħtieġu soluzzjonijiet tekniċi kumplessi. Madankollu, dan l-indħil, previst mil-liġi u li ma jaffettwax il-kontenut essenzjali tal-libertà ta' intrapriża, huwa ġġustifikat fis-sens tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni, li għandu marġni ta' evalwazzjoni wiesa', ma wettaqx żball manifest meta qies li l-pjattaformi online kbar ħafna, inklużi s-swieg li jaqbżu l-livell limitu ta' 45 miljun utent, jistgħu jippreżentaw riskji sistemiċi għas-soċjetà, b'mod partikolari billi jxerrdu kontenut illegali jew billi jippreġudikaw id-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tal-konsumaturi. L-obbligi imposti fuq dawn il-pjattaformi, bħal dawk relatati mal-għażla ta' rakkomandazzjoni mingħajr tfassil ta' profili, mar-reġistru pubbliku tar-reklamar jew mal-aċċess tar-riċerkaturi għal ċerta data, għandhom l-għan li jipprevjenu dawn ir-riskji, anki jekk dawn iwasslu għal piżijiet ekonomiċi sinjifikattivi fuq l-imsemmija pjattaformi.

Fir-rigward tad-**dritt għall-proprjetà**, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-obbligi imposti mid-DSA jikkostitwixxu prinċipalment piżijiet amministrattivi li ma jċaħħdux lill-fornituri tal-pjattaformi online kbar ħafna mill-proprjetà tal-pjattaformi tagħhom. Barra minn hekk, anki jekk jitqies li jiġi stabbilit indħil f'dan id-dritt, dan ikun iġġustifikat mill-għanijiet ta' prevenzjoni tar-riskji sistemiċi segwiti mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

Fuq il-**prinċipju ta' ugwaljanza**, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu marġni ta' evalwazzjoni wiesa' sabiex jittratta b'mod uniformi l-pjattaformi online kbar ħafna, inklużi l-postijiet tas-suq, peress li dawn tal-aħħar

jistgħu wkoll jippreżentaw riskji sistemiċi għas-soċjetà. Barra minn hekk, id-distinzjoni li d-DSA jagħmel bejn il-pjattaformi online skont in-numru ta' utenti tagħhom la hija arbitrarja u lanqas manifestament inadegwata għall-għan ta' prevenzjoni ta' dawn ir-riskji peress li l-pjattaformi online b'iktar minn 45 miljun utent jistgħu jesponu għadd kbir ta' persuni għal kontenut illegali.

Fir-rigward tal-**libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni**, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-obbligu impost fuq il-pjattaformi online kbar ħafna li jipproponu għażla ta' rakkomandazzjoni mingħajr tfassil ta' profili jista' jirrestrinġi l-mod kif il-prodotti kkummerċjalizzati f'dawn il-pjattaformi jistgħu jiġu ppreżentati, iżda li tali ndħil huwa ġġustifikat. Din il-miżura, prevista mil-liġi, ma taffettwax il-kontenut essenzjali tal-libertà ta' espressjoni u tfittex għan leġittimu ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta', mingħajr ma jaqbeż il-marġni ta' evalwazzjoni sinjifikattiv tiegħu, jibbilanċja l-libertà ta' espressjoni kkummerċjali tal-imsemmija pjattaformi mal-protezzjoni tal-konsumaturi.

Fir-rigward tad-**dritt għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali**, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-obbligi ta' trasparenza fir-reklamar u ta' aċċess tar-riċerkaturi għal ċerta data jikkostitwixxu ndħil f'dan id-dritt, iżda dawn huma previsti mil-liġi, proporzjonati u ġġustifikati minn għan ta' interess ġenerali, jiġifieri l-prevenzjoni tar-riskji sistemiċi sabiex, b'mod partikolari, jikkontribwixxu għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Hija tenfasizza li r-reklamar tar-reġistru huwa rregolat b'mod strett, filwaqt li l-aċċess għar-riċerkaturi huwa suġġett għal garanziji stretti ta' sigurtà u kunfidenzjalità.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

NOTA : Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#), u [fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE\) 2022/2065](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali).